KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 37 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2014 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35pm | 10.30pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Skużata | |
| Kunsillier Mario Sammut | Assenti | |
| Kunsillier Jean Paul Camilleri | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier James Cassar | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.30pm | 10.30pm |
| Kunsillier David Meilak | Skużat | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30pm | 10.30pm |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 36 - 29 ta' Mejju 2014**

Il-minuti tal-laqgħa Nru 36 li saret fid-29 ta' Mejju, 2014 intbagħtu qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Saret korrezzjoni waħda .Fl-aħħar tat-tieni paragrafu ta' *item* 2.04 żdiedet sentenza: **« Is-Sur Alex Muscat fakkar li huwa kien issuġġerixxa li dan isir. »**

**2.00 Punti Imqajma mill-Minuti**

**2.01** Dwar Item 2.01 – Tat-Targa Battery – Is-Sindku nfurmat li kien għaddej 'survey' tas-sit kollu min grupp ta' studenti tal-University taħt id-direzzjoni tal-Perit Ruben Borg. Kien qed jiġi fformulat ukoll '*management plan*' . Għandu jiġi msejjaħ meeting sabiex jiġi spjegat x'qed isir f'dan ir-rigward.

**2.02** Dwar item 7.0 – Suq fil-beraħ – Is-Sindku nfurmat li l-Perit Etienne Magri kien ġie inkarigat jagħmel survey tat-Triq Patri Avertan Fenech u jara jekk kienx hemm spazju biżżejjed sabiex jiġu trasferiti l-posti tal-monti min Triq Nicolo' Isouard għal din it-triq.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 2141 6841 • Fax: (+356) 2141 0245 • E-mail: mosta.lc@gov.mt

**2.03** Dwar item 2.03 – Tender tal-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq – L'Aġent Segretarju Eżekuttiv irraporta li kellu laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun dwar dan. Kien jidher li kien hemm xi punti li għad iridu jiġu ċċarati dwar kif għandu jinħareġ it-Tender mir-Reġjun. Iżda s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sur George Abdilla, kien aċċertah li l-Kunsilli jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-istess tender tar-Reġjun fil-każ ta' Contract Manager anke jekk huma jkollhom it-tender tal-kuntrattur tad-dawl separat min dak tar-Reġjun. Dan mingħajr spejjeż extra.

**3.00 Materji Finanzjarji**

**a) Lista ta Pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista annessa ta' pagamenti (Skeda Nru. 26) li tammonta għas-somma ta' €99,000.04 kif ippreżentata.

**b) Lista ta' Works Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Work Orders għax-xhur ta' Mejju u Gunju 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

**c) Lista ta Purchase Orders**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Purchase Orders għax-xahar ta' Mejju u Gunju 2014 kif ippreżentata. Lista annessa.

**d) Lista ta Depożiti-**

Ġiet approvata unanimament lista ta' Depożiti fil-bank għax-xahar ta' Mejju 2014 li tammonta għas-somma ta' €4,548.78. Lista annessa.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk l-użu tas-Sala tal-Kommunita tistax tintuża għal-laqgħat politiċi bi ħlas kif kien jidher li sar. Huwa qal li ġiet irrifjutata lilu talba għal laqgħa simili. Is-Sindku qalet li jekk is-Sur Muscat kien qed jirreferi għal-uża tas-sala li sar min Membru tal-Parlament Ewropew. Din kienet fuq livell nazzjonali u għalhekk ma tarax għaliex kellu jiġi rrifjutat il-permess. Hija qalet li l-użu għal skop ta' laqgħat politiċi partiġġjani għandhom jigu deċiżi mill-Kunsill. Saret diskussjoni u ġie deċiż li dan is-suġġett jittella bħala *agenda item* fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**4.00 Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata lista ta' 9 items ta' korrispondenza. Id-Deċiżjonijiet li ttieħdu dwar din il-korrispondenza jinstabu fil-lista annessa ma dawn il-minuti.

**4.01** Dwar korrispondenza Nru. 4 kienet tikkonċerna applikazjoni lil-MEPA għal estensjoni ta' ħanut fuq art pubblika fiż-żona ta' Ta' Mlit. Is-Sinjura Louise Vella li kienet preżenti (fil-pubbliku) għal-laqgħa ġiet mistiedna titkellem dwar dan il-każ.

Is-Sinjura Vella qalet li l-Kunsill għandu jopponi din l-applikazzjoni għaliex kienet se tittieħed biċċa art oħra pubblika li fil-preżent tintuża mill-pubbliku u speċjalment mill-

anzjani tad-dar tal-anzjani li tinsab faċċata ta din l-art. L-art hija fil-fatt pavimentata u hemm siġar u bankijiet fejn wieħed jista jirrikreja ruħu.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li huwa ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba ta' estensjoni tal-ħanut. Il-maġġoranza tal-Kunsilliera ma qablitx fil-prinċipju li din l-art pubblika tittieħed mill-privat u b'hekk jitnaqqas spazju pubbliku li huwa diġa kommess bħala żona pubblika fejn wieħed jista jirrilassa.

Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikteb lil-MEPA ~~u jagħmel oġġezzjoni~~ b'din il-ħsieb tal-Kunsill għal din it-talba.

**4.02** Dwar Memo 1/2014 –Live streaming tal-Laqgħat tal-Kunsill – Ġie deċiż li live streaming tal-Laqgħat tal-Kunsill jibda mill-Laqgħa tal-Kunsill għax-xahar ta' Lulju.

**4.03** Dwar korrispondenza Nru 8 – Energy Efficiency Capacity Building Workshop Smilegov - ġie inkarigat il-Kunsillier James Cassar sabiex jattendi dan il-*workshop* u jirraporta lura lil-Kunsill.

## 5.00 Proposal for the utilisation of the Mosta shelter under church parvis.

Is-Sindku qrat ittra mingħand is-Sur George Galea fejn dan talab li jingħata permess għal proposta tiegħu li juża x-xelter ta' taħt iz-zuntier tal-pjazza billi jagħmel attivitajiet kulturali u ssir struttura fejn jista jintrama booking office u jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet għal xi xorb u ikel.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Joseph De Martino qal li bla dubju ta' xejn dan ix-xelter għandu potenzjal kbir li sa issa kien għandu mhux jiġi sfruttat iżda qal f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi dwar dan tkun trid tinħareġ sejħa pubblika. Huwa qal li din dejjem kienet l'idea li l-Kunsill jorganizza dan x-xelter tant li kien hemm proposti simili fil-passat.

Is-Sindku u s-Sur Alex Muscat qalu li huma jħossu li f'każ li tinħareġ sejħa pubblika, s-Sur Galea għandu jingħata *'right of first refusal'*. Ma kienx hemm deċiżjoni dwar dan.

Il-Kunsillier Keith Cassar qal li għandu jkun il-Kunsill li jwettaq dan il-proġett u mhux jingħata lil-privat.

Sar qbil unanimu li s-Sur Galea jiġi mitlub jagħmel proposta dwar l-użu tax-xelter biss mingħajr il-kunċett ta' kjosk/bar u siġġijiet u mwejjed. Jiġi nfurmat ukoll li tkun trid tinħareġ sejħa pubblika.

## 6.00 Tibdil fil-lokazzjoni ta xi kiosks tal-festa

Il-Kunsillier Keith Cassar ta' dettalji ta kif saret re-allokazjoni ta' diversi kjosks tal-festa fiż-żona ta' maġenb iċ-ċentru ċiviku sabiex jinħoloq spazju u aċċess aħjar min fejn pazjenti li jkollhom bżonn jagħmlu użu mis-servizzi tal-Clinic. Kienu ser isiru tabelli u sinjali tat-traffiku fit-toroq sabiex jidderieġu sewwieqa ta' vetturi kif jaslu l-Clinic minn rotta alternattiva. Is-Sur Keith Cassar informa lil-Kunsill li saru wkoll laqgħat mal-pulizija u li huwa kien ser jieħu ħsieb jissorvelja l-immarkar tal-posti tal-kjosks u bars flimkien mal-perit u l-handyman tal-Kunsill.

**7.00 Lejla Agrarja – Bidnija.**

Is-Sindku infurmat li kienet ser issir il-Lejla Agrarja fil-Bidnija bħas-snin ta' qabel nhar is-Sibt 26 ta Lulju, 2014. Dan ġie approvat unanimament.

**8.00 Jum il-Mosta /Ġieħ il-Mosta**

Sar qbil unanimu li jinħarġu l-applikazzjonijiet għal-għoti ta' Ġieħ il-Mosta. Id-dettalji tal-programm għandhom jitressqu għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss fix-xahar ta' Lulju. L-għażla ta' dawk li għandhom jiġu onorati bil-medalja ta' Ġieħ-il-Mosta għandha issir fil-laqgħa ta' Awwissu.

**9.00 Affarijiet Oħra**

Il-Kunsill kellu nformazjoni li l-Kunsillier Dr. Rachel Tua kienet saret omm u għalhekk sar qbil li tintbagħatilha kartolina bl-awguri tal-okkażjoni.

**10.00 Aġġornament**

Il-Laqgħa ntemmet fil-10.30 ta' filgħaxija.

Dott. Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv